MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-3 ta' Ottubru, 2007

Appell Civili Numru. 1033/2004/1

**Middlesea Insurance plc kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assikurat taghha Anthony Gatt u l-istess Anthony Gatt**

**vs**

**Paul u Maria Theresa konjugi Gauci bhala legittimi rapprezentanti ta' binhom minuri David Gauci u Albert Borg; u b' digriet tat-Tribunal tad-9 ta' Settembru, 2005 giet ordnata l-kjamata in kawza ta' David Joseph Gauci**

**Il-Qorti,**

Fis-17 ta' Jannar, 2007 it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> "It-Tribunal
>
> Ra l-Avviz li permezz tieghu l-attur talab hlas ta' tmien mija erbgha u sebghin Lira Maltin (LM874)

rapprezentanti danni li sofrew l-atturi u dana in kwantu ghas-somma ta' LM774.00 lis-socjeta' attrici assikuratrici u in kwantu ghas-somma ta' LM100 lill-attur Anthony Gatt, meta l-konvenut David Gauci waqt li kien qed isuq il-vettura bin-numru TFA 934, proprjeta' tal-konvenut l-iehor Albert Borg, u dana meta l-istess David Gauci kien ghadu minuri u bla licenzja tas-sewqan u ghalhekk ma kienx kopert b'polza ta' assikurazzjoni, fil-10 ta' Settembru, 2003 gewwa Bugibba habat mall-vettura numru LAK-283 proprjeta' tal-attur Anthony Gatt meta dina kienet ipparkjata u ikkaguna danni konsiderevoli f'din l-istess vettura.

Dan l-incident huwa ghalih unikament responsabblli l-konvenut David Gauci

Bl-ispejjez komprisi dawk tal-parir (LM18) u ta' ittra Legali datat 13 ta' April, 2004 kontra l-konvenuti jew min minnhom u bl-imghax kontra l-istess konvenuti mid-data tan-Notifika ta' din it-Talba u li huma ngunti ghas-subizzjoni.

Ra r-Risposta taz-zewg konvenuti fejn gie sollevat illi ghal dak li jirrigwarda David Gauci t-talbiet atturi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt fil-konfront tieghu u dana peress illi l-konvenut kien impjegat ma Albert Borg u mgieghel minnu biex isuq il-karozza waqt dmirijiet tax-xoghol u ghalhekk galadarba huwa kien fl-impjieg tal-lukandier Albert Borg, huwa l-konvenut Albert Borg huwa responsabbli a tenur tal-Artiklu 1034 u 1039(2) (c) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex jirrispondi ghad-danni sofferti mill-istess attur;

Illi l-konvenuti genituri ta' David Gauci ma ghandhomx responsabilita' ghal hlas ta' dak soffert mill-attur;

Salv eccezzjonijjiet ulterjuri.

Illi rigwardanti l-konvenut Albert Borg gie sollevat illi t-talbiet ghandhom jigu michuda fil-konfront tieghu stante li:

1)huwa qatt ma qabbad lil David Gauci sabiex juza l-vann, izda biss sabiex jghabbi l-affarijiet fil-vann;
b) l-istess David Gauci qarraq bir-receptionist meta qalilha li ghandu bzonn jiftah il-vann u talabha c-cwievet izda minnflok mar saq il-vann.
c) L-esponenti ghandu mijiet ta' haddiema jahdmu mieghu l-lukanda Palm Court Hotel u ghalhekk kieku kellu bzonn lil xi hadd biex isuq il-vann ma kienx jghid lil David Gauci li huwa minorenni u minghajr licenzja.
d) Illi dan il-Qorti Kriminali (seduta Traffic) fehmitu u liberat lill-esponenti.
e) Illi bla pregudizzju ghal premess l-ammont huwa eccessiv.
f) Salv eccezzjonijiet ohra.

It-Tribunal ra l-Atti tal-kawza.

Ra illi giet milqugha talba tas-socjeta' attrici sabiex jigi kjamat in kawza David Gauci, liema talba giet milqugha fid-9 ta' Settembru, 2005. Illi fid-9 ta' Ottubru, 2006 kien hemm talba da parti mill-istess socjeta' attrici sabiex jigi revokat id-digriet tal-kjamat in kawza. It-Tribunal laqa' din it-talba fl-istess seduta.

Ra s-sentenza moghtija mill-Qorti Kriminal fil-konfront ta' Albert Borg.

Ra x-xhieda u xhieda bl-affidavit u d-dokumenti kollha esebiti.

Sema t-trattazzjoni tal-partijiet.

Dan il-kaz jitratta dwar kollizzjoni ta' vettura f'Bugibba misjuqa minn David Gauci minorenni. Illi l-konvenut Albert Borg qal illi David Gauci kien

jahdem fill-*maintenance* tal-lukanda Palm Court. Albert Borg jghid illi huwa kien ta ordni lil David Gauci jghabbi l-vann u mhux illi bie isuq il-vann. Il-konvenut David Gauci kien fl-impieg ta’ Albert Borg u li kien jaghhmel xoghol ta’ *handyman* in generali kif ukoll ta-tniddif tal-*pool* . Illi skond Gauci fil-gurnata tal-kollizzjoni hu kellu ordni lli jghabbi sodod fil-vann u jehodhom ir-Reuben Hotel li kien qrib hafna l-Palm Hotel, u cioe’ kantuniera ‘l boghod.

Huwa fatt konstat illi s-sewwieq David Gauci kien minorenni u ma kienx kopert b’polza ta’ assikurazzjoni u ghalhekk din il-kawza saret f’isem il-genituri tal-minorenni David Gauci. It-Tribunal ghandu jikkonstata jekk fil-fatt il-konvenut Albert Borg, l-imghallem ta’ David Gauci kien ippermetta lill-konvenut David Gauci jsuq vettura bi ksur tal-polza tal-assigurazzjoni in kwistjoni.

Illi fix-xhieda tal-konvenut Albert Borg huwa jghid illi kienu l-Managers tieghu li jimpjegaw in-nies u li hu kellu madwar 180 persuna mpjegata mieghu u li kienu huma li mpjegaw lil David Gauci ghalkemm kellhom ordni biex ma jimpjegawx minorenni. Jirrizulta lit-Tribunal illi ghalkemm David Gauci, kien minorenni gie mpjegat. Jghid ukoll illi fil-jum tal-incident huwa ma kienx jaf jekk David Gauci kienx minorenni jew le. Izda jaf illi kien qallu biss biex jghabbi s-sodod fill-vann.

Mix-xhieda ta’ David Gauci jidher illi l-istess konvenut kien jigi mqabbad jaghmel kull tip ta’ xoghol ta’ *maintenance* u bhala mpjegat kien jobdi l-ordnijiet kollha li kienu jaghtuh.

Mix-xhieda tal PC 658 Antoine Caruana qal illi hu kien kellem lill-partijiet l-Ghassa u li kien nizzel kollox fir-*Road Accident Report* li gie ezebit. Fir-Rapport hemm imnizzel illi b’ammissjoni tal-konvenut David Gauci huwa kien tilef il-kontroll tal-vettura u laqghat vettura GAT-808 fi Triq it-

Tamar u vettura LAK-283 fi Triq ir-Rizzi li kienu t-tnejn ipparkjati, kif ukoll baqa' diehel fil-hajt ta' Bayside. Fl-istess xhieda PC Caruana jghid illi wahda mir-*receptionists* l-isem ta' min ma kienx jiftakar, kienet qaltlu lli l-konvenut David Gauci kien talabha c-cavetta ghaliex l-imghallem tieghu, Albert Borg, talbu li jsuq il-karozza. Din ir-receptionist kienet qalet lil PC 658 illi David Gauci kellu permess mis-sid biex isuq il-karozza. Meta kien mar Albert Borg l-Ghassa dan kien cahad illi kien baghat lil Gauci biex isuq il-vann.

It-Tribunal jirrileva li *trattandosi* ta' zewg verzjonijiet konfliggenti, ikollu jirreferi u joqghod fuq id-deposizzjonijiet kontrastanti moghtija mill-partijiet u jestendi l-indagini tieghu fuq il-provi dokumentali li ghandhom iwassluh ghas-soluzzjoni gusta tal-vertenza.

It-Tribunal ikkonstata illi l-konvenut Albert Borg dik il-gurnata tal-incident kien taha ordni lill-impjegat David Gauci, u li l-istess David Gauci hass li kellu jobdi din l-ordni. Skond ix-xhieda ta' Albert Borg stess huwa jghid illi fil-jum tal-incident huwa ma kienx jaf li David Gauci kien minorenni.

It-Tribunal huwa tal-fehma lli fil-jum tal-incident Albert Borg kien ta ordni lil David Gauci bi svista illi dak kien minorenni. Il-Fatt illi bhala imghallem xehed illi huwa ma kienx jaf jekk l-impjegat tieghu David Gauci kienx minorenni jew le, juri nuqqas serju da parti minnu, bhala l-bniedem min ihaddem. Konsegwentement, David Gauci ried jobdi lill-imghallem tieghu u b'turija ta' immaturita' kbira, u biza' illi jitlef l-impieg tieghu jekk ma jobdix ordni ma kkonfrontax lill-imghallem tieghu. Huwa mar dritt ghand ir-*receptionist* u saqsiha ghac-cwievet tal-vettura fejn infurmaha illi kellu l-permess mill-imghallem. Wara kollox id-distanza li kellu jsuq kienet pjuttost zghira bejn Hotel u ohra li kienu biss kantuniera 'l boghod minn xulxin u

ghalhekk dan ghabba l-vann bis-sodod u qabad u saq il-vettura.

Minn analizi tax-xhieda konfliggenti u evalwazzjoni tal-provi esebiti, t-Tribunal jasal ghal konkluzzjoni li s-sewqan tal-konvenut David Gauci kien wiehed negligenti u traskurat u wara ammissjoni ta' David Gauci *a tempo vergine* l-Ghassa tal-Pulizija hu kien stqarr li 'ghal xi raguni l-pedala tal-gass wehlet u tlift il-kontroll tal-vettura….' Filwaqt li l-konvenut l-iehor Albert Borg huwa wkoll resonsabbli ghal hlas tad-danni ghaliex dan it-Tribunal isib illi Albert Borg ippermetta l-vettura tieghu numru TFA-934 tinsaq mill-minuri David Gauci meta dan ma kellux licenza tas-sewqan u meta ma kienx kopert b'polza ta' assikurazzjoni.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet tas-socjeta' attrici, u jikkunda lill-konvenuti l-hlas lura tas-somma dovuta tlett kwinti ghal konvenut Albert Borg u zewg kwinti ghal konvenuti Paul Gauci u Maria Therese konjugi Gauci bhala legittimi rappresentant ta' binhom minuri David Gauci.

Spejjez a karigu tal-konvenuti."

Minn din is-sentenza appella l-konvenut Albert Borg. Principalment, huwa jikkontesta lit-Tribunal l-apprezzament tieghu tal-provi, ir-ragonament maghmul ta' l-addebitu lilu tal-ko-responsabilita` u l-konkluzjoni li biha gie kkundannat jaghmel tajjeb ghall-frazzjoni tad-danni reklamati. Kontestwalment, l-appellanti jressaq aggravju iehor dwar l-ammont tad-danni li hu jqisu eccessiv u n-nuqqas ta' spjegazzjoni mit-Tribunal fir-rigward ta' l-ispejjez tal-kawza;

Il-fatti saljenti kif allegati mill-partijiet in kawza huma brevement kif gej:-

(1) Fl-10 ta’ Settembru 2003 sehh incident li fih vann misjuq minn David Gauci laqat vetturi li kienu parkeggjati. Fiz-zmien ta’ l-akkadut dan is-sewwieq kien ghadu minorenni;

(2) David Gauci kien impjegat bhala *handyman* fil-Palm Court Hotel u skond il-versjoni tieghu dakinhar ta’ l-incident l-appellanti talbu jghabbi u jgorr xi sodod mill-i*store*. F’ dan ix-xoghol kellu jintuza l-vann u ghalhekk gabar ic-cwievet tieghu minghand ir-*receptionist* u saq il-vann. Ara Affidavit tieghu a fol. 65 kif ukoll ir-risposta tieghu ghat-talba attrici u fejn eccepixxa illi hu kien imgieghel isuq il-vann mill-appellanti waqt dmirijiet tax-xoghol. Ara wkoll xhieda ta’ PC 658 Antoine Caruana a fol. 70 fejn dan jghid li David Gauci ammetta mieghu li kien saq il-vann skond kif ordnat mill-imghallem;

(3) L-appellanti jinnega li hu kien ordna lil Gauci biex isuq il-vann ghax hu kien illimita ruhu ghall-istruzzjoni li dan jghabbi s-saqqijiet fil-vann. Din in-negazzjoni tieghu giet ukoll divulgata lill-imsemmi Kuntistabbli Caruana;

(4) Ir-*receptionist* Marvic Saliba tikkonferma fid-deposizzjoni taghha a fol. 72 illi Gauci talabha c-cavetta tal-vann biex jghabbi xi affarijiet fih, anke jekk hi ma naqsetx milli taffrontah bil-fatt li hu ma kellux licenzja tas-sewqan. F’ dan hi korroborata mir-*receptionist* l-ohra Ritianne Galea. Ara Affidavit taghha a fol. 64;

(5) Jirrizulta wkoll mill-provi illi David Gauci kien ilu fl-impjieg mal-lukanda minn nofs Lulju 2003 pero`, skond l-appellanti, hu ma kienx jaf li dan kien minorenni. Ara xhieda tieghu a fol. 61. Jidher li hemm qbil illi Gauci kien jircievi l-istruzzjonijiet dwar il-mansjonijiet gjornaljieri tieghu minghand l-appellanti;

Mill-fatti premessi tispikka bhala l-aktar ovvja l-konflittwalita` fil-versjonijiet ta’ l-appellanti mqabbla ma’ dik ta’ David Gauci. Dan pero`, kif ravvizat, ma ghandux ihalli lil min ghandu jiggudika f’ dak l-istat ta’ perplessita` li minhabba fih ma jkunx jista’ jiddeciedi b’ kuxjenza kwieta

jew jkollu jaqa' fuq ir-regola ta' *in dubio pro reo*. Ara **Kollez. Vol. L P II p 440**. Proprju f' din l-istess decizjoni ssokta jinghad illi "l-Qorti ghanda tezamina jekk xi wahda miz-zewg versjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji ta' kredibilita` u specjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, ghandhiex teskludi lill-ohra, anke fuq il-bilanc tal-probabilitajiet u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f' kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant";

Fil-fattispeci, il-Qorti jkollha tistqarr illi l-versjoni provvduta mill-appellanti ma hi xejn verosimili jew konsistenti u apparti rilevanzi ohra li johorgu mill-korp tal-provi, taghmel dawn l-osservazzjonijiet:-

(1) Huwa dezumibbli illi meta l-appellanti ordna lil Gauci jmur jghabbi s-saqqijiet mill-i*store* ghal gol-vann u jiehu ghal dan il-fini c-cwievet minghand ir-*receptionist* huwa kien jaf li f' dak il-mument il-vann ma kienx parkeggjat hedjn l-i*store* u kien jaf ukoll illi d-*driver* ma kienx ghadu hemm. Dan huwa indott minn dik il-parti tax-xhieda tieghu fejn jiddikjara illi hu kien qal lil Gauci "jghabbi s-sodod u ghalhekk ordnajtlu jiehu c-cwievet u mbaghad meta jigi d-*driver* kellu jsuq il-vann" (fol. 41). La l-i*store* kien distanti, anke jekk mhux bosta, mil-lukanda, l-appellanti seta' jobsor li biex jitghabbew is-sodod il-vann kellu jinsaq minn fejn kien parkeggjat sa hdejn l-i*store*;

(2) Ma jidherx lanqas li l-appellanti, Manager tal-lukanda, jista' jitwemmen fejn jghid li dakinhar ta' l-incident ma kienx jaf jekk Gauci hux minorenni jew le (seduta 5 ta' Mejju 2005, fol. 61). Dan ghaliex ukoll meta ddepona f' seduta precedenti (9 ta' Dicembru 2004) jiddikjara li hu "ma baghatx tifel ta' sittax-il sena biex isuq il-vann". Ankorke hu ma kienx jaf li Gauci kien minorenni dik l-istess dikjarazzjoni tieghu timmilita kontra tieghu ghax allura, ir-raguni tiddetta illi la ma kienx jaf b' dan il-fatt meta ordnalu jiehu c-cwievet tal-vann ha jghabbi s-sodod, hu kien, implicitament, qed jordnalu jsuq il-vann hdejn l-i*store* ghall-iskop ta' l-ezekuzzjoni tal-mansjoni affidata;

Maghmula dawn il-ftit osservazzjonijiet dwar il-fatti, in tema ta' dritt hu principju stabbilit illi r-responsabilita` ta' min ihaddem ghall-fatt ta' l-impjegat, tissussisti in bazi ghar-rapport li jghaqqadhom flimkien f' rapport interkorrenti, f' liema l-wiehed jesplika, fil-posizzjoni ta' impjegat, attivita lilu ordnata mill-principal u dan ghandu dejjem il-vigilanza tal-kondotta ta' l-ewwel. *Multo magis*, imbaghad, fejn l-impjegat ikun ukoll minorenni. Jinghad fil-**Halsbury** ("**Laws of England**", Vol. XXIII, p 576, citata fis-sentenza a **Vol. XLIV P I p 343**), "*Again, a master's duty towards young servants may differ from that owed to adults. Thus he must not only protect them as far as is reasonable possible, but must take proper steps to ensure that they appreciate the risks*". Dan, aktar u aktar, jekk wiehed joqghod ghal dak rakkontat mill-appellanti riferibilment ghall-incident li fih kien involut Gauci bit-thaddim minnu tal-magna tal-mastrudaxxi (fol. 42), ghax allura kien messu wera sorveljanza fi grad oghla fuq l-operat tal-minuri;

Huwa indubitat minn dan kollu konsiderat illi l-kwazi delitt f' dan il-kaz u li fih l-assigurat tas-socjeta` attrici sofra dannu, ghal liema gie indennizzat taht il-polza, jidderivi minn attivita konsentita lill-minuri b' segwitu ta' l-ordni moghtija mill-appellanti. Fil-kumpless, din il-konkluzjoni anke minn din il-Qorti mhix indebolita mill-provi. Kwazi seklu u nofs ilu l-Qorti ta' l-Appell, sede Civili, esprimiet ruhha fis-sens illi "*il proprietario di una vettura* (f' dak il-kaz trattasi ta' karrozzin) *è responsabile per i danni cagionati ad altri per causa imputabile al conduttore della detta vettura*" ("**Giorgio Farrugia -vs- Tenente Colonello William Campbell del Regimento 100 di S. M. Britannica**", 14 ta' Mejju 1866 (**Kollez. Vol. III pagna 576**). Anke hawn, bhal fil-kaz prezenti, fil-mument ta' l-incident, il-karrozzin kien qed jinsaq minn minorenni "*contro le leggi ed i regolamenti di polizia*". Isegwi mis-suespost illi l-ilment fil-mertu mhux accettabbli;

Hu wkoll inaccettabbli l-ilment l-iehor li l-ammont mitlub hu eccessiv.  Fl-ewwel lok jirrizulta mill-provi in atti illi dan hu sopportat sew minn ricevuti u d-dokumenti esebiti minn fol. 12 sa fol. 24.  Fit-tieni lok, minn imkien ma jirrizulta illi l-appellanti kkontesta dan l-ammont quddiem it-Tribunal. Dan fil-fatt lanqas f' din is-sede ma jaghmlu ghax jillimita ruhu ghal generalizzazzjoni li dan hu eccessiv, bla ma joffri spjega jew kumment il-ghala, fil-fehma tieghu, dan hu hekk il-kaz;

Din il-Qorti taqbel pero` ma' l-ilment minuri relattiv ghall-ispiza pretiza ta' tmintax-il lira ghall-pariri u ittra legali, anke ghaliex l-ispejjez relattivi ghandhom ikunu dawk tassati mir-Registratur tal-Qorti.  Tikkondividi wkoll is-sottomissjoni ta' l-appellanti illi, b' koerenza, l-ispejjez tal-kawza ta' l-ewwel istanza messhom gew spartiti fl-istess proporzjon tar-responsabilita` kif mit-Tribunal determinat.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa' l-appell limitatament dwar l-aggravju tal-kap ta' l-ispejjez billi, filwaqt li tichad it-talba ghal hlas ta' tmintax-il lira Maltija (Lm18) kif mitlub fl-Avviz, tordna li l-ispejjez gudizzjarji tad-decizjoni mit-Tribunal jigu spartiti fl-istess proporzjon relattiva ghar-responsabilita addebitata, ossija tliet kwinti (3/5) ghall-appellanti u zewg kwinti (2/5) ghall-konvenuti konjugi Gauci.  Mill-kumplament il-kawza qed tigi kkonfermata u l-aggravji l-ohra respinti, bl-ispejjez ta' din l-istanza jitbatew mill-appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------